# Il-M.U.S.E.U.M. f'San Ġiljan 1915-2015

**_Robert Aloisio_**
*B.A., P.G.C.E*

**L-Ewwel Ftuħ tal-M.U.S.E.U.M. f'San Ġiljan fil-Bidu tas-Seklu XX**

Fi ftuħ is-Seklu XX, l-entużjażmu tal-qassis żagħżugħ Dun Ġorġ Preca laqat ukoll lil xi żgħażagħ Ġiljaniżi biex jiftħu qasam f'din il-lokalità, dak iż-żmien raħal żgħir. Fl-inkjesta li l-Kurja Maltija kienet għamlet dwar is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (M.U.S.E.U.M.), inkjesta li bdiet f'Marzu tal-1916, insibu lista ta' għoxrin qasam tas-Soċjetà, bil-Qasam ta' San Ġiljan imniżżel bħala l-għaxar wieħed.

Minn din l-inkjesta nafu wkoll li s-Superjur tal-Qasam kien jismu Ġiljan Grech. Billi dak iż-żmien ma kinux jinżammu kronaki annali ma nistgħux ngħidu b'ċertezza meta fetaħ il-Qasam. Li nafu żgur hu li fl-**1915** kien jeżisti qasam tal-M.U.S.E.U.M. f'San Ġiljan u allura nistgħu nżommu din is-sena bħala s-sena tal-ftuħ tal-M.U.S.E.U.M. f'San Ġiljan.

Minn tagħrif li kien tana s-Sur Spiru Tanti, illum mejjet, u li għex iktar minn tmenin sena f'San Ġiljan, il-Qasam kien ġie inawgurat fil-festa ta' Kristu Re, probabilment tas-sena 1915. Skont Tanti kien sar korteo qasir mill-Qasam, li kien f'numru 29 fi Triq Lapsi, sal-Knisja ta' Lapsi. Fih kienu ħadu sehem is-soċji u t-tfal, il-kleru tal-Parroċċa u Dun Ġorġ innifsu. Tanti, li dak iż-żmien kellu xi sitt snin, jirrakkonta li dakinhar Dun Ġorġ kien tah borża ħelu. Wara l-korteo kellhom lest kaldarun kafè f'nofs il-bitħa tad-dar tal-Qasam. In-nanna tas-Sur Tanti għenithom f'li kellhom bżonn. Billi d-dar ma kellhiex bejt tagħha, ittellgħet il-bandiera tal-Papa fuq il-bejt tan-nanna tiegħu. Tanti jiftakar ukoll li fid-29 ta' Settembru 1916, fil-festa ta' San Mikiel, kienet saret attività tas-Soċjetà fuq bażi nazzjonali fil-Qasam ta' San Ġiljan. Għal din l-attivita, li Tanti jsejħilha "speċi ta' xalata reliġjuża", attendew ħafna superjuri u soċji.

Is-Superjur Ġiljan Grech ma damx wisq membru tas-Soċjetà. Jgħinuh kien hemm l-aħwa Pawlu u Manwel Mamo, magħrufin bħala "Ta' Gori". Minn tagħrif li kien tana l-istess Manwel Mamo, dawn l-ewlenin soċji kienu jagħmlu sagrifiċċji kbar biex jattendu l-laqgħat ta' nhar t'Erbgħa l-Blata l-Bajda. Kienu jmorru u jiġu bil-mixi.

Nafu mit-tagħrif li tana s-Sur Tanti, li ftit żmien wara, probabilment fis-snin għoxrin, il-Qasam mar f'dar oħra, f'post magħruf bħala "Ta' Fransija", numru 123 fit-Telgħa ta' B'Kara, post li għadu hemm sal-lum. Tanti jgħid li wara xi żmien f'dan il-post, il-Qasam għalaq, għal raġunijiet li ma nafux.

## Il-Ftuħ mill-Ġdid (1942-1949)

Għall-ħabta tal-1942, kien ġie kappillan ġdid fil-Parroċċa ta' San Ġiljan, Dun Anton Debono. F'dan iż-żmien jidher li kien hemm fergħa żgħira tal-M.U.S.E.U.M. f'numru 20, Triq Sant'Anġlu. Is-Sur Spiru Tanti jgħid li f'din id-dar kienu jmorru xi soċji jgħallmu l-katekiżmu lit-tfal u jagħmlu xi laqgħat lill-kbar ukoll. F'dan iż-żmien, is-Soċju Francis Refalo, li qabel kien mas-soċji interni, reġa' ngħaqad mal-familja tiegħu f'San Ġiljan. Is-Superjur Ġenerali Ewġenju Borg bagħtu fil-Qasam ta' Tas-Sliema. Minn tagħrif li tana Refalo nnifsu fl-1985, nafu li l-Kappillan kien talbu jiftaħ Qasam f'San Ġiljan. Dan jidher li seħħ fis-sena 1946.


*Il-Kappillan Dun Anton Debono*

Il-Kappillan qal lil Refalo biex jibdew jiltaqgħu fid-dar tal-*Legion of Mary* jew f'ċentru ta' għaqdiet oħra. Lill-M.U.S.E.U.M. offrielu kamra waħda li fiha bdiet il-klassi tal-kbar. Din id-dar jidher li kienet numru 125 fi Triq Lapsi. Twaqqfet għalhekk fl-1946 il-Fergħa ta' San Ġiljan, li kienet taqa' taħt il-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. ta' tas-Sliema. Iżda billi t-tfal komplew jiżdiedu, wara talba li saret minn Refalo, li fl-1947 kien inħatar superjur, il-Fergħa saret Qasam. Dan ġie kkonfermat uffiċjalment fl-1949.

Għall-bidu s-Soċjetà ma riditx tagħmlu Qasam għax il-post kien jintuża minn għaqdiet oħra. Refalo jgħid li kellu ħames klassijiet u kien jgħallimhom f'ħinijiet differenti biex ma jfixkilx lill-għaqdiet l-oħra. Refalo jgħid ukoll li billi kien soċju waħdu tal-post kien ifittex li jrawwem xi żgħażagħ. Meta kien ikun hemm xi festi speċjali fil-Parroċċa, is-Seminaristi Guido Calleja, Ġwann Galea (li iktar tard it-tnejn saru kappillani ta' San Ġiljan), Karm Calleja u Fortunat Axiaq (iktar tard kollha saru saċerdoti) kienu jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-Qasam.

Mill-1950 'l quddiem bdew jiġu numru ta' soċji minn barra r-raħal biex jgħinu fil-Qasam il-ġdid. Ċerti li kienu jiġu Ġużeppi Calleja mill-Marsa, Rokku Debono minn San Ġwann u Ġużeppi Agius mill-Imsida. Fl-istess sena ġew joqogħdu San Ġiljan l-aħwa Sciberras min-Naxxar, li wieħed minnhom - Dun Anton - intbagħat iservi f'din il-parroċċa. Ġilardu u Mikiel Sciberras, li qabel kienu jattendu fil-Qasam ta' Ħal-Għargħur, bdew jgħinu fil-Qasam ta' San Ġiljan. Beda jgħin ukoll is-Superjur KBO Pawlu Cutajar tal-Belt. Iżda iktar ma beda jgħaddi ż-żmien iktar beda jinħass il-bżonn li l-M.U.S.E.U.M. ikollu dar għalih biex ikun jista' jaqdi aħjar il-missjoni tiegħu.

## 1951: Id-Dar fi Triq Mensija

Kien għall-ħabta ta' Marzu 1951 li s-soċji sabu post: numru 65 fi Triq Mensija, maġenb il-Knisja tal-Kunċizzjoni. Il-familja li kienet toqgħod f'dik id-dar emigrat. Id-dar inkriet mingħand il-Markiża Scicluna filwaqt li l-għamara li kien hemm fiha nxtrat. Nhar is-26 t'April saret l-ewwel laqgħa biex jiġi deċiż it-taqsim tal-qasam, tad-duttrina u tal-assenjatur. Għal din il-laqgħa kienu preżenti Gerald Micallef (li mill-11 ta' Frar kien sar Superjur Korp Bon Ordni responsabbli mill-

Qasam), is-Superjur Refalo, Ġużeppi Calleja, Ġużeppi Agius u l-aħwa Ġilardu u Mikiel Sciberras. Jumejn wara, saret laqgħa oħra li għaliha kienu preżenti s-superjur u s-soċji tal-Qasam flimkien mal-Primarju Spiru Spiteri u s-Soċju Eddie Ear, li kien ġie jwassal lill-Primarju. Wara din il-laqgħa nġarru l-affarijiet mid-dar l-oħra għad-dar il-ġdida li kellha ddum mikrija lilhom għal ftit iktar minn tletin sena.



*Id-dar numru 65 fi Triq Mensija, li kienet isservi ta'* sede *għall-Qasam tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija f'San Ġiljan.*

Nhar l-14 ta' Mejju 1951, il-Kappillan Dun Anton Debono bierek il-Qasam u għamel diskors tal-okkażjoni. Id-data formali fl-arkivji tas-Soċjetà tal-bidu tal-ħidma fid-dar il-ġdida hija l-1 ta' Lulju 1951, għalkemm id-duttrina kienet ilha li bdiet issir fil-post il-ġdid kważi xahrejn. Baqa' jinħass il-bżonn li xi soċji minn oqsma oħra jiġu jgħinu fil-Qasam il-ġdid. Għall-ħabta tas-sena 1953 kienu jiġu żewġ soċji minn Birkirkara, Nerik Brincat u Bertu Sammut. Iżda fl-1954 ħadu posthom żewġ soċji minn Birkirkara wkoll: Joe Gauci u John Micallef. Iktar tard Brincat u Micallef emigraw l-Awstralja u marru jgħallmu fiċ-ċentri li s-Soċjetà fetħet hemm hekk.

Nhar San Ġwann Battista tal-1955, il-Qasam ta' San Ġiljan kellu l-ewwel soċju tal-post, Joseph Grech, li iżda wara ftit ma baqax fis-Soċjetà. Grech baqa' attiv ħafna fil-Parroċċa ta' San Ġiljan. F'Novembru tal-istess sena, is-Superjur Francis Refalo wkoll ma baqax membru tal-M.U.S.E.U.M. Iktar tard huwa emigra l-Awstralja u żżewweġ. Fl-istess sena wkoll beda jattendi s-Soċju John Cauchi mill-Ħamrun li dam jgħin fil-Qasam ta' San Ġiljan għal madwar tmien snin. Huwa ħadem ħafna speċjalment mal-klassijiet tat-tfal kbar. Beda jattendi wkoll Karmenu Tabone mill-Furjana, soċju anzjan li qabel kien Superjur KBO, bniedem spiritwali ħafna, li għamel ċertu żmien jgħallem San Ġiljan.

**Is-Superjur Toni Debattista**

Wara Refalo, is-Soċjetà ħatret lil Antonio Debattista mill-Furjana bħala s-Superjur ta' San Ġiljan. Debattista, li qabel kien superjur tal-Belt Valletta, kien bniedem ħabrieki ħafna u ta' karattru ġentili u ċajtier. Matul il-ħdax-il sena li dam superjur f'San Ġiljan, għamel sforzi kbar biex isaħħaħ il-klassijiet il-kbar. Fi żmienu saru ħames ċerimonji tal-magħżulin, b'kollox 31 tifel, u tliet ċerimonji tal-kandidati, b'kollox tmien żgħażagħ. Wara l-1963, għal diversi raġunijiet, kważi s-soċji u l-kandidati kollha ma baqgħux jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-Qasam ta' San Ġiljan.

Is-Superjur Debattista ma serviex iktar fil-Qasam ta' San Ġiljan għax il-Mulej għoġbu jsejjaħlu wara marda kiefra, nhar id-19 ta' Ġunju, 1966 fl-eta' ta' sittin sena. Għalkemm mewtu kienet mistennija, din ġabet niket kbir f'kull min kien jafu. Iktar tard saret quddiesa għal ruħu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan (il-Knisja ta' Lapsi) li għaliha attendew soċji tal-M.U.S.E.U.M.

u t-tfal tal-Qasam. Saret ukoll quddiesa fil-Knisja tal-Kunċizzjoni. Għoxrin sena wara, meta l-Qasam kien għadu bla superjur, fl-1986, saret quddiesa fid-dar tal-M.U.S.E.U.M. ta' Triq Lapsi fl-anniversarju tal-mewt tas-Superjur Debattista u għall-bżonnijiet tal-Qasam. Din tqaddset mill-Patri żagħżugħ Julian Sammut OFM, u għaliha attenda ħu Toni Debattista, li kellem lit-tfal.

**Is-Superjur Jerry**

Is-Superjur Ġilardu Micallef, magħruf bħala s-Superjur Jerry, kellu rabta speċjali mal-Qasam ta' San Ġiljan. Diġà semmejna l-kontribut tiegħu għall-akkwist tad-dar ta' Triq il-Mensija. Iżda l-ikbar sehem tiegħu kien wara l-mewt tas-Superjur Debattista, żmien mill-iktar diffiċli għall-Qasam, li lanqas biss kellu superjur. Huwa kien benefattur kbir tal-Qasam. Mhux l-ewwel darba li ħareġ minn butu parti jew il-kera kollha tal-Qasam jew ta għajnuna oħra finanzjarja lill-prifetti għall-ispejjeż li jkunu għamlu. Iżda l-ikbar għajnuna kien l-appoġġ morali kontinwu li kien jagħti lil Ġilardu Sciberras, li kien l-uniku soċju li kien għad baqa' fil-Qasam wara l-mewt ta' Debattista.

Fis-snin sebgħin, il-Qasam kien f'qagħda mwiergħa, kif jirrakkonta Ġilardu Sciberras: "Nista' ngħid illi l-Mużew ta' San Ġiljan baqa' miftuħ minħabba x-xogħol u s-sagrifiċċju li kien jagħmel Ġilardu Micallef, Assistent Superjur Ġenerali. Billi kien ġie żmien li t-tfal kienu naqsu sew u konna nkunu qisna weħidna, u billi kien iħobb jitkellem miegħi u jafda fija, darba minnhom qalli, 'Ara l-Mużew lest biex jagħlaq', u urieni envelopp, però ma fetħux u anqas qalli x'fih."

Mill-inqas darbtejn f'ġimgħa, is-Superjur Jerry kien imur il-Qasam ta' San Ġiljan jgħallem xi klassi u mbagħad jgħallem it-teoloġija morali fl-assenjatur, suġġett li tant kien għal qalbu. Ġilardu Micallef baqa' ta' inkoraġġiment għall-Qasam sa mewtu, li ġrat nhar id-29 t'Awwissu 1979.

**Is-Snin Sittin u Sebgħin**

Għal diversi raġunijiet, wara l-mewt tas-Superjur Debattista, is-Superjur Ġenerali Ċikku Saliba (li nħatar fl-1967) baqa' qatt ma nkariga lil ħadd biex ikun superjur tal-Qasam ta' San Ġiljan. Din is-sitwazzjoni damet iktar minn għoxrin sena. Ġilardu Sciberras, billi kien l-iktar soċju anzjan (dak iż-żmien kellu kważi sittin sena) u għal xi żmien l-uniku soċju fil-qasam, sar is-soċju responsabbli mill-qasam. Fis-snin ta' wara l-mewt ta' Debattista, in-numru tat-tfal li jattendu l-Qasam kien żgħir ħafna. Bl-għajnuna tas-Superjur Ġilardu Micallef, Sciberras ma qatax qalbu u kompla jaqdi l-missjoni iebsa tiegħu. Miegħu kellu jgħinuh xi żgħażagħ bħal Anthony Aquilina u Lawrence Mifsud.

Nhar il-15 t'Ottubru 1968, is-Superjur Ġenerali bagħat lis-Soċju Karmenu Panzavecchia mill-Gżira biex jibda jgħin fil-Qasam ta' San Ġiljan. Panzavecchia, li kellu 55 sena, kien bniedem ta' dixxiplina kbira iżda b'natural ċajtier. Fil-Milied ta' dik is-sena, Anthony Aquilina ġie inkorporat soċju. Issa fil-Qasam ta' San Ġiljan kien hemm tliet soċji regolari. Aquilina beda jieħu ħsieb il-klassi tal-magħżulin, li minnha iżjed tard saru żewġ soċji: Toni Sapiano fil-Milied tal-1973, u Paul Aquilina (ħu Anthony) fil-Milied tal-1974. F'Ottubru 1974, is-Soċju Anthony Aquilina daħal is-seminarju, għalkemm iżjed tard ma kompliex fit-triq tas-saċerdozju. Fl-1976, Tony Sapiano mar




*Il-purċissjoni bil-Bambin, organizzata mill-Qasam tal-M.U.S.E.U.M., għaddejja minn Triq Sant'Anġlu*

joqgħod l-Imsida u beda jattendi fil-Qasam t'hemmhekk. Minfloku ma ntbagħat ħadd fil-Qasam ta' San Ġiljan. Fl-aħħar tas-snin sebgħin, il-Qasam reġa' għadda minn perjodi twal b'nuqqas kbir ta' tfal.

Kien f'Awwissu tal-1978, li Joseph Bonavia, eks-superjur ta' B'Kara, beda jgħin fil-Qasam ta' San Ġiljan. Il-Milied ta' dik is-sena kellu jkun Milied differenti mis-snin ta' qabel. Il-premjazzjoni tal-Milied bdiet issir l-avveniment tas-sena tal-qasam, kif inhi f'ħafna mill-oqsma tal-M.U.S.E.U.M. Minbarra l-grotti, li qabel ukoll kienu jsiru u jingħataw lit-tfal, bdew jinħadmu presepji u statwi tal-ġibs. Dakinhar tal-okkażjoni bdew jiġu mistiedna l-ġenituri u jittella' programm xieraq ta' kant u poeżiji tal-Milied. L-ewwel premjazzjoni ta' din ix-xorta saret fil-Ħadd ta' qabel il-Milied tas-sena 1978 fl-*annexe* mas-sagristija tal-Knisja tal-Kunċizzjoni. Fis-snin tmenin bdiet issir fis-Sala tal-Konferenzi tal-Knisja Parrokkjali, u fis-snin disgħin fil-Knisja Parrokkjali nnifisha. Mis-sena ta' qabel, il-purċissjoni tal-Bambin bdiet tidħol fil-Knisja Parrokkjali, f'nofs il-kongregazzjoni, hekk kif tispiċċa l-quddiesa. Fil-purċissjoni tal-Milied tal-1978 ġie użat Bambin kbir "ta' Spanja" li kien xtrah il-mibki Superjur Debattista.

**1982: Sena ta' Taqtigħ il-Qalb**

F'Diċembru tal-1981, is-soċji bagħtu l-flus tal-kera lil sid il-kera tad-dar ta' Triq Mensija, Dun Serafin Bianco. Dan wara li żamm kera ta' tliet xhur biss, qal lis-soċji li kien fi ħsiebu jbigħ il-post u kellhom jaraw fejn isibu post alternattiv sa Marzu 1982. Sadanittant f'Jannar 1982, l-Arċisqof ħatar kappillan ġdid għall-Parroċċa ta' San Ġiljan, Dun Tony Agius, minn Tas-Sliema. Nhar it-2 ta' Frar, waqt li s-soċji kienu miġburin għall-assenjatur, huwa żar il-Qasam, u filwaqt li xtaq ikun jaf is-sitwazzjoni tal-għaqda, wera x-xewqa li meta s-soċji jkollhom bżonn l-għajnuna tiegħu ifittxuha. Is-soċji semmewlu l-problema li kienet għadha kif inqalgħet dwar il-post. Il-Kappillan, min-naħa tiegħu, semma l-possibilità li l-M.U.S.E.U.M. ikollu parti miċ-ċentru parrokkjali li kien hemm il-ħsieb li jinbena.

Ftit ġimgħat wara, f'Marzu tal-1982, l-Assistent Superjur Ġenerali Victor Delicata u s-Soċju Joseph Bonavia marru jkellmu l-Kappillan, jitolbuh joffrilhom xi post immedjat. Il-Kappillan deherlu li ma kellux post aħjar x'joffri ħlief taħt il-Knisja Parrokkjali, fejn kien hemm xi mħażen u ċ-ċentru tal-Iscouts. Il-post kien mimli mbarazz. B'sagrifiċċju kbir, is-soċji kollha, wara l-assenjatur kienu jmorru jneħħu l-imbarazz u jirranġaw il-post. Wieħed mis-soċji, Paul Aquilina, dak iż-żmien, kien qed jistudja għall-eżamijiet finali tal-kors universitarju. Sal-aħħar ta' Marzu kienu lesti. Ippakkjaw il-kotba f'ħafna kaxxi u kienu lesti biex jitilqu. Iżda billi s-sid ma sejħilhomx, huma baqgħu jippreparaw ruħhom bil-kwiet.

F'Ġunju, s-soċji dehrilhom li la darba kienu ħadu tant xogħol biex jirranġaw taħt il-Knisja, tajjeb jagħmlu użu minnu, xejn xejn biex jippreparaw it-trasferiment bil-mod. Nhar it-8 ta' Ġunju bdew jgħallmu lit-tfal li kienu għadhom kemm għamlu l-Griżma. Fit-tieni ġurnata, s-soċji sabu li xi affarijiet fil-kamra sparixxew! Is-soċji ħassew li f'dik is-sitwazzjoni ma kienx possibbli li jibqgħu jgħallmu hemmhekk.

Sadanittant is-Soċjetà baqgħet f'kuntatt ma' sid id-dar u wara ftit taż-żmien bagħtitlu l-kera tal-kumplament tas-sena, u hu aċċettaha. Hekk is-soċji serrħu ftit rashom. F'Awwissu tal-1982, il-Kappillan offra lis-soċji żewġt ikmamar fis-sagristija tal-Knisja ta' Lapsi. Fil-11 ta' Ottubru saret laqgħa hemmhekk għat-tfal kollha, b'kollox 44, ħafna minnhom mill-*Housing Estate* ta' Ta' Ġiorni, li lilhom kienu tqassmu karti fi djarhom jumejn qabel. Sadanittant is-soċji riedu jkomplu jlaħħqu mad-dar ta' Triq Mensija, li kienet għadha qed tiffunzjona. F'dan iż-żmien, in-numru ta' tfal kien ilaħħaq anke tmenin. Dan kien ta' sodisfazzjon u nkoraġġiment kbir għas-soċji. Fl-istess sena twaqqfet il-Kummissjoni Kateketika fil-Parroċċa u l-Kunsill Parrokkjali. Sa mill-bidu, il-M.U.S.E.U.M. dejjem kellu r-rappreżentant tiegħu f'dawn il-gruppi.

**Sforzi Ġodda**

Fl-1983, il-Kappillan waqqaf kummissjoni speċjali biex tistudja l-possibiltà li jinbena ċentru parrokkjali. F'din il-kummissjoni kien hemm Dun Ġwann Galea, eks-kappillan, u rappreżentanti tal-għaqdiet, fosthom tal-M.U.S.E.U.M..

Fir-rapport finali, issemma li l-M.U.S.E.U.M. kien qabad fl-*area* ta' fejn il-Knisja ta' Lapsi, u għalhekk saret proposta biex dan il-post, propjetà tal-Knisja, jiġi rranġat biex jilħaq iktar il-bżonnijiet tal-M.U.S.E.U.M., billi d-dar ta' Triq Mensija ma kinitx se tibqa' aktar għad-dispożizzjoni tas-soċji. Il-Kappillan offra li jirranġa isfel u jżid spazju mis-sagristija. L-unika ħaġa li ma għoġbitx lis-soċji kien il-ħsieb tal-kappillan, li meta s-sular ta' fuq jitbattal, tiġi hemmhekk kongregazzjoni ta' sorijiet.

Nhar il-15 ta' Marzu 1983 miet soċju li kien ilu jaħdem fil-Qasam ta' San Ġiljan għall-aħħar ħmistax-il sena ta' ħajtu. Karmenu Panzavecchia miet fl-għomor ta' sebgħin sena. Fil-21 ta' Lulju tal-1983, l-Aġent Superjur Ġenerali Francis Camilleri bagħat lil Emanuel Falzon, soċju mill-Qasam tal-Pietà biex jgħin fil-Qasam ta' San Ġiljan.

F'Ġunju 1984, sid il-kera ma aċċettax il-flus tal-kera għax kien wasal iż-żmien li jieħu l-post. F'Settembru tal-istess sena, Victor Delicata, li kien għadu kif inħatar Superjur Ġenerali, kellu laqgħa mal-Kappillan flimkien mas-Superjur KBO Gaetano Brimmer u s-Soċju Paul Aquilina. Billi ma ntlaħaqx qbil fuq is-sular ta' fuq tal-post tal-Knisja ta' Lapsi, ġie deċiż li jsir sforz biex jinstab post ieħor viċin il-knisja biex il-M.U.S.E.U.M. ikun jista' jkompli l-ħidma tiegħu bla tfixkil.

Lejn l-aħħar ta' Settembru nħolqot il-possibiltà li tinxtara d-dar numru 32 fi Triq Lapsi. Din kienet dar qadima, ikbar minn ta' Triq Mensija, b'garaxx u bi ġnien kbir. Is-Soċju Pawlu Aquilina nforma lis-Superjur Ġenerali u lill-membri sħabu b'din id-dar. Is-Superjur Ġenerali, wara konsultazzjoni ma' kull min kien interessat, iddeċieda li jibda t-trattattivi mas-Sur Dimech, sid id-dar.

**1985: Id-Dar fi Triq Lapsi**

Is-somma biex tinxtara d-dar kienet waħda sostanzjali. Iżda s-Superjur Ġenerali, bniedem li ma kienx jibża' jirriskja, kellu fiduċja li dan il-pass kellu jkun ta' qawmien għall-M.U.S.E.U.M. f'San Ġiljan. Fl-aħħar is-Soċjetà kellha d-dar tagħha f'San Ġiljan ukoll. Dan sar b'ħafna sagrifiċċji min-naħa tas-soċji. Nhar is-7 ta' Novembru 1984 sar il-konvenju. Nhar l-4 ta' Frar 1985 ġie ffirmat il-kuntratt għand in-Nutar Gambin, minn San Ġiljan, u s-Superjur Ġenerali ngħata ċ-ċwievet tal-post. Id-dar ta' Triq Lapsi għandha ħamest ikmamar, garaxx, bitħa żgħira u ġnien twil tmenin pied, li fl-1986 ġie konvertit fi grawnd.



*Id-dar fi Triq Lapsi li nxtrat fl-1985 u għadha sal-lum isservi bħala s-sede tal-Qasam ta' San Ġiljan*

Inqas minn ġimgħa qabel l-akkwist, nhar il-31 ta' Jannar 1985, kien beda jsir l-assenjatur hemmhekk. Dakinhar stess tal-akkwist bdiet issir id-duttrina ta' klassi waħda fil-post il-ġdid. F'April, is-soċji dehrilhom li kien hemm bżonn kbir ta' għamara ġdida. Din inxtrat bi flus il-Qasam u bi flus is-soċji. F'Mejju saret ġabra b'risq il-M.U.S.E.U.M. fil-quddies tal-Preċett u l-Griżma biex jittaffa ftit mid-dejn li l-Qasam kien daħal għalih.

Is-soċji kienu għadhom jgħallmu wkoll fid-dar ta' Triq Mensija iżda s-Superjur Ġenerali, nhar id-29 ta' Ġunju 1986, talabhom iħallu dik id-dar u jikkonċentraw bis-sħiħ fuq id-dar il-ġdida. It-tfal li kienu jattendu fi Triq Mensija ġew avżati li l-post kien se jagħlaq u ġew imħeġġa biex jibdew jattendu fid-dar ta' Triq Lapsi.

**Superjur u Soċji Ġodda**

Nhar id-9 ta' Marzu 1987, is-Superjur Ġenerali Victor Delicata għoġbu jaħtar superjur tal-Qasam, wara li din il-kariga kienet ilha vakanti għal 21 sena. Dan kien is-soċju żagħżugħ mill-Belt Valletta Raymond Azzopardi. Dakinhar saritlu laqgħa ta' merħba mis-soċji u t-tfal, kif kien xieraq. Dan is-superjur, u ħafna minn dawk kollha li ġew warajh, kellhom il-vann personali tagħhom li użawh biex iwasslu t-tfal li kienu joqogħdu 'l bogħod mid-dar ta' Triq Lapsi. Fis-sajf ta' dik is-sena, sar il-*wire-netting*, għoli 18-il pied, li dawwar il-grawnd kollu biex il-ballun ma jaqbiżx fil-ġonna tal-ġirien. F'Ottubru ħareġ l-ewwel għadd tal-fuljett *Il-QASAM* b'tagħrif u avviżi għall-ġenituri. F'Novembru reġgħet saret ġabra oħra mill-Parroċċa b'risq il-M.U.S.E.U.M. F'Ġunju 1988, is-Soċju Emmanuel Falzon intbagħat f'qasam ieħor (Falzon miet din is-sena fl-għomor ta' 70 sena wara marda kiefra), u minfloku s-Superjur Ġenerali bagħat lil Jesmond Borg minn Birkirkara.

Fl-istess xahar, nhar il-15 ta' Ġunju 1988, fi tmiem Laqgħa Marjana fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, is-Superjur Ġenerali ħabbar li s-Soċjetà kienet se tibgħat tliet membri tagħha f'Londra biex jagħtu bidu għall-ftuħ tas-Soċjetà hemmhekk. Fost dawn it-tlieta kien hemm is-Soċju Paul Aquilina minn San Ġiljan. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti t-tfal u s-soċji tal-Qasam. Imbagħad, nhar it-12 ta' Lulju, fid-Dar Ġenerali l-Blata l-Bajda saret iċ-ċerimonja tal-għoti tas-salib. Fil-kelmtejn li għamel, Paul Aquilina rringrazzja lill-Qasam ta' San Ġiljan li "bħala xhieda ta' perseveranza kostanti fost id-diffikultajiet nissel fija vokazzjoni mużewmina u missjunarja." Aquilina kellu jdum fil-missjoni f'Londra sal-1995 meta mbagħad irritorna Malta. Iktar tard inħatar Superjur tal-Qasam ta' Tas-Sliema u fl-2007 irritorna San Ġiljan, din id-darba bħala Superjur fejn għamel sitt snin u llum qiegħed il-Gżira. Fl-1988 beda jaħdem ukoll fil-Qasam is-Soċju Mario Bezzina mill-Imsida, li kellu jagħmel sal-1992 meta mbagħad daħal mas-Sależjani u iżjed tard iżżewweġ.



*Logħob fil-bitħa tad-dar tal-Qasam fi Triq Lapsi. Jidher is-Soċju Paul Aquilina, li serva ukoll fil-kariga ta' Superjur.*

**Is-Snin Disgħin u l-Bidu tas-Seklu XXI**

Wara ftit inqas minn ħames snin Superjur ta' San Ġiljan, Raymond Azzopardi nħatar Superjur tal-Marsa, u sena wara tal-Qasam il-ġdid ta' St Andrews li qabel kien Fergħa tal-Qasam ta' San Ġiljan. Fiż-żmien li Azzopardi kien superjur, il-Qasam reġa' qam fuq saqajh u l-klassijiet tat-tfal il-kbar issaħħu. In-numru ta' kandidati kien l-ikbar wieħed li qatt kellu l-Qasam, f'xi żmien anke tmienja. Dawn iż-żgħażagħ kienu jagħtu huma wkoll is-sehem tagħhom biex jgħinu lit-tliet soċji li issa riedu jlaħħqu ma' numru ta' tfal li kien qed jikber. Uħud minnhom, fosthom jien, diġà konna bdejna ngħallmu klassi taż-żgħar. Fis-sajf tal-1991, aħna l-grupp ta' żgħażagħ tajna bidu għal rivista maħsuba għat-tfal, bl-isem oriġinali ta' *STATER*, li kienet tittella' bil-mezzi limitati li kellna f'idejna, jiġifieri b'*typewriter*. Din ir-rivista baqgħet tiġi ppubblikata sa ftit snin ilu, għalkemm b'mezzi iktar moderni. Kien fi żmien Azzopardi wkoll, li l-Qasam ta' San Ġiljan beda jorganizza l-attivitajiet tas-sajf bħall-oqsma l-oħra tas-Soċjetà. Bdiet issir ġimgħa sports bi premjijiet, ġranet Għawdex u kwiżż ġenerali, u ħafna attivitajiet oħra. Bdew isiru wkoll laqgħat regolari għall-ġenituri.

Nhar is-16 ta' Settembru 1991, Jesmond Borg, li kien ilu fil-Qasam tliet snin u kien Assistent Superjur, inħatar Superjur. Xahrejn wara, nhar it-12 ta' Novembru, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca żar il-Qasam bħala parti miż-żjara pastorali tiegħu f'San Ġiljan. Dakinhar is-soċji u t-tfal tal-Qasam inġabru fil-bitħa u semgħu l-kelma tal-Arċisqof. Wara numru ta' tfal għamlulu xi mistoqsijiet. Fl-aħħar kantawlu l-*Happy Birthday* għax dakinhar inzerta li l-Arċisqof kien jagħlaq sninu. Fil-Milied ta' dik is-sena, Charles Caruana u Silvio Mifsud ġew inkorporati soċji. Biss dawn ma tantx damu fis-Soċjetà.

Fis-sajf tal-1992 sar xogħol infrastrutturali fil-Qasam. Inbidel kważi l-madum kollu, il-bibien u t-twieqi saru tal-aluminju, u fuq kollox inbniet ukoll klassi ġdida. Dan sar bl-għajnuna tal-kumpanija *Vassallo Builders*, il-Perit Schranz u l-Parroċċa ta' San Ġiljan, speċjalment Dun Alex Bezzina, li kien Viċi-Kappillan. F'Ottubru tal-istess sena bdiet toħroġ in-*newsletter GĦALL-ĠENITURI*, li ħadet post *Il-QASAM*. Fl-1992, il-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. beda jkollu wkoll il-paġna regolari tiegħu fuq *IL-MIXJA*, ir-rivista tal-Parroċċa, b'artikli u avviżi dwar l-attivitajiet tiegħu. F'Ġunju tal-1993, jiena sirt soċju.



Il-mejda tal-appostli fil-wirja li kienet tkun organizzata mill-Qasam fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa

F'Ottubru tal-1993, Jesmond Borg ma baqax Superjur u minfloku nħatar Manwel Ciantar mir-Rabat. Fl-istess żmien intbagħat jaħdem fil-Qasam is-Soċju William Camilleri minn Raħal Ġdid. Mill-1994 'il quddiem, il-Qasam ta' San Ġiljan beda jorganizza kull sena wirja tal-mejda tal-appostli fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Dan seta' jsir bl-inizjattiva ta' William Camilleri u bl-għajnuna tas-soċji l-oħra. Fil-Milied ukoll, il-Qasam beda jintrama b'ħafna dekorazzjonijiet u bi presepji kbar, bħal fil-kappella u l-ieħor fil-*games room*, li għal dawn l-okkażjonijiet tinbidel għalkollox. Mill-Milied tal-1994, ta' kull sena, beda jittella' dramm mit-tfal tal-Qasam għal



Ix-xogħlijiet fuq il-bini tas-sala l-ġdida

waqt il-premjazzjoni. Fil-Milied tal-1997, id-dramm ittella' ukoll qabel il-Quddiesa ta' nofsillejl fil-Parroċċa quddiem mijiet ta' nies. L-istess ġara fis-snin ta' wara. Fil-festa ta' San Ġiljan, il-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. ukoll beda jinħass bis-sehem tiegħu f'jum it-tfal u fit-tiżjin sabiħ li beda jagħmel mal-faċċata tad-dar fi Triq Lapsi.

Nhar l-10 ta' Frar 1996, Paul Azzopardi, mir-Rabat ukoll, inħatar superjur minflok Manuel Ciantar li nħatar Superjur tar-Rabat. Fit-22 ta' Settembru 2002, jiena



*Il-kappella fid-dar rinovata tal-M.U.S.E.U.M*

nħtart superjur. Kien f'dan iż-żmien li beda l-bini ta' sala kbira taħt il-grawnd li qabel kien ġnien. Fl-istess żmien grupp ta' ġenituri fuq inizjattiva tagħhom bdew jagħmlu *fund-raising* b'risq il-M.U.S.E.U.M. li baqa' sejjer għal ħafna snin. Fl-2007 jiena ntbgħat Pembroke, u fl-2013 is-Swatar. Warajja kien ġie Paul Aquilina, u sentejn ilu beda jmexxi Matthew Vassallo, Superjur żagħżugħ ħabrieki li bl-għajnuna ta' soċji oħra għamel xogħol ta' rinnovament fil-Qasam u għadu jmexxi 'l quddiem l-attività ta' kuljum f'dan il-Qasam tas-Soċjetà li qatt ma kien faċli iżda dejjem kien apprezzat minn kull min miss miegħu. Grazzi lis-Sinjur Alla għal dan kollu, u nitolbu jbierek lill-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. f'San Ġiljan li dejjem jibqa' għal qalbi u għal qalbna.




IL-ĠRAJJA VERA TA' OSCAR ROMERO
Robert Aloisio

***Robert Aloisio (imwieled fl-1975) kien Superjur ta' San Ġiljan bejn l-2002 u l-2007, wara li kien għamel ħafna snin qabel bħala soċju fl-istess Qasam. Illum qiegħed fil-Qasam tas-Swatar. Huwa għalliem,* Guidance Teacher, *fi skola sekondarja tal-Knisja. Huwa wkoll awtur ta' diversi artikli f'ġurnali u rivisti. F'Mejju ta' din is-sena huwa ppubblika l-ewwel ktieb tiegħu, "Qatlu lill-Arċisqof", fuq il-ħajja tal-Beatu ġdid Oscar Romero, produzzjoni ta'* Say It. *Dan jista' jinkiseb mill-*Book Centre *tal-Parroċċa tagħna, mil-Librerija Preca (Blata l-Bajda) u minn Emmaws (B'Kara).***